MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 222/2007

**Maltacom Plc C2234**

**vs**

**Maria Bugeja (ID415074M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn wiehed u tletin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmi (LM 231.56) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21585423 (a/c 10205273) skond dokumenti annessi.

Illi l-konevnuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenuta ipprezentat minn Dr Keith Grech fit-23 ta’ April, 2007.

Ra li l-konvenuta naqset tikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------